# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU. 1173

Kaz Nru. 1468

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Rennie Gili

u

Toly Products Co. Ltd.

dwar tkeccija allegata li hi ngusta

Data: 7 ta' Frar 2001

Chairman: is-sur Franco Masini

## 1. Introduzzjoni

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fl-24 ta' Awwissu 2000 b'riferenza MSP/TI/60/2000 wara li s-Sur Joe Morana, Segretarju tat-Taqsima Manifattura, Servizzi u Haddiema Alleati tal-Union Haddiema Maghqudin, kien kiteb lill-Ministru f'isem is-Sur Rennie Gili dwar tkeccija mix-xoghol mal-Kumpanijja Toly Products Co. Ltd fit-13 ta' Lulju 2000 liema tkeccija giet ritenuta li kienet wahda ngusta.

Barra mis-Sur Morana assista lill-Appellant l-Avukat Dr Karmenu Mifsud Bonnici. Ghall-Kumpanijja Appellata deher l-Avukat Dr Joseph J. Vella. Inzammu erba' seduti.

## 2. Fatti tal-Kaz

L-Appellant irritjena li wara li rrapporta tard ghax-xoghol fit-13 ta'Lulju 2000 huwa gie licenzjat. Huwa kien tal-fehma li din id-decizjoni kienet estrema wisq. Il-Kumpanijja Appellata tghid li l-licenzjament tal-Appellant kienet decizjoni li ttiehdet wara sensiela ta' nuqqasijiet tieghu fuq perijodu twil li ma' tulu gie imwissi diversi drabi bil-miktub. Tghid ukoll li l-Appellant gie moghti l-opportunita` li jinghata post inferjuri ghal sitt xhur biex jirriabilita ruhu u imbaghad jekk ikun ezemplari fix-xoghol tieghu jerga jinghata l-post li kellu precedentement. L-Appellant ma hax din l-opportunita` u ghalhekk il-Kumpanijja tghid li ma kelliex triq ohra hlief li titterminalu l-impieg tieghu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Waqt it-trattazzjoni tal-kaz irrizulta li ftit kien hemm differenza ta' opinjoni dwar il-fatti. Naturalment il-partijiet ma qablux fuq sfumaturi jew l-iskala ta' gravita` ta' certi fatti attribwiti lill-Appellant. Ta' min jghid illi l-Appellant kien sa certu zmien haddiem rikonoxxut mill-Kumpanijja Appellata bhala wiehed li kellu kapacita`, kien jipprometti u sahansidra intbaghat fuq korsijiet u ma' tul il-karriera tieghu gie moghti anke promozzjoni. Jidher li f'certu zmien ir-rendiment tieghu beda jiddeterjora serjament u dana irrifletta ruhu anke fuq ix-xoghol. Jidher li beda jixrob u l-incident ahhari li ta lok ghall-licenzjament tieghu kien jikkonsisti filli irraporta hames sighat tard ghax-xoghol u fi stat li jidher li kien taht influwenza tax-xorb tant li gie moghti l-parir li jitlaq mill-post tax-xoghol sakemm ikun fi stat ahjar. Jirrizulta mix-xhieda ta' Kevin Busuttil, *Tooling Manager* u superjur tal-Appellant, li kemm il-darba gie imwissi anke b'mod amikevoli biex jibdel it-triq li qabad sabiex jerga jirreintegra ruhu fil-hidma tieghu. Sahansidra ssugerixxa lill-Appellant li jiehu *off* xi xaharejn. It-tezi tal-Appellant kienet li ommu mardet sewwa u dana kien kawza ta' inkwiet ghalih li tellfu s-serenita` tieghu u kien kagun li ma baqax bhal qabel. B'sostenn ta' dan ippresenta wkoll *animo ritirandi* certifikat mediku dwar l-istess ommu.

Waqt it-trattazzjoni z-zewg partijiet iddedikaw hafna hin dwar il-procedura li giet segwita fit-terminazzjoni tal-Appellant. Skond l-Avukat tal-Appellant dina ma kienitx skond il-ftehim kollettiv vigenti (Art 23(f)) ghaliex ma kienx hemm diskussjoni mall-Union qabel it-tmiem tal-impieg. Ghaldaqstant, skond hu, peress li l-procedura kienet vizzjata r-rizultanti licenzjament kien null. Minn naha taghha l-Kumpanijja Appellata tirritjeni li diskussjoni saru kemm mall-GWU u kif ukoll mall-UHM li taghha l-Appellant kien membru ghad li l-Ftehim Kollettiv kien iffirmat mall-GWU.

It-Tribunal ihoss li din il-kwistjoni dwar il-korrettezza tal-procedura kienet sa certu punt irrelevanti peress illi kien hemm fattur iehor sussegwenti ghall-licenzjament li fil-fatt irrizulta fil-konkluzjoni tal-episodju kollu. Dana kien l-appell li sar mill-UHM lic-*Chairman* tal-Kumpanijja Appellata skond it-termini tal-Ftehim Kollettiv (Art.23 (k) ). Min dan l-Appell irrizulta li l-Kumpanijja kienet ippreparata li tnizzel lill-Appellant ghall-post ta' *operator*, kif kien qabel ma sar *toolmaker*, ghal perijodu ta' sitt xhur. Jekk ma' tul dan il-perijodu kien igib ruhu b'mod ezemplari u ma jergax jagixxi bhal qabel huwa kien jerga jsir *toolmaker*. Waqt it-trattazjoni l-Avukat tal-Kumpanijja Appellata qal li dana sar ghaliex il-Kumpanijja kienet investiet hafna fih u ghalhekk ma riditx titilfu. It-Tribunal irid jissoponi li raguni ohra kienet dik umana biex l-Appellant jinghata l-ahhar cans li jsalva l-post tieghu. L-Appellant ma accettax din id-decizjoni ta' l-appell tac-*Chairman* u ghalhekk safa' licenzjat. Ta' min jghid li fil-ftugh tal-kaz l-istess offerta regghet kienet maghmulha lill-Appellant quddiem it-Tribunal u regghet giet rifjutata.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li s-sanzjoni effettiva ma kienitx it-tkeccija li saret fl-13 ta' Lulju 2000 izda d-*demotion* temporanja ta' sitt xhur li kienet moghtija bhala rizultat tal-appell li sar lic-*Chairman* u li giet ikkomunikata lill-Appellant permezz ta' ittra datata 23 ta' Awwissu 2000.

It-Tribunal ezamina l-infrazzjoni li allegatament saret mill-Appellant li tat bidu ghal dawn il-proceduri kif ukoll allegati nuqqasijiet li saru qabel. Dana biex jiddecidi kienux ta' gravita' sufficjenti li jwasslu ghas-sanzjoni li garrab. Izda anke hawn kien hemm kontestazzjoni bejn l-Avukati tal-partijiet dwar interpretazzjoni tal-Artikolu 23 (n) tal-Ftehim Kollettiv u dana dwar l-ammissibilta` tal-perijodu effettiv ta' twissijiet lill-Appellant.

Il-kwistjoni kollha kienet dwar kemm tista tmur lura ghal dak li jirrigwardja kondotta tal-persuna li kontra taghha tittiehed azzjoni. L-artikolu tal-Ftehim Kollettiv li jirrigwarda dan il-punt huwa l-artikolu 23 (n) li jidher li jikkonsidra zewg possibiltajiet; (a) dik ta' sena jekk ir-*record* tieghu "ma jkunx mittiefes", u (b) iehor minghajr limitu.

Issa fil-kaz in ezami l-Kumpanijja Appellata pprezentat ma' li *statement of case* taghha lista ta' disa' twissijiet bil-miktub li jkopru perijodu ta' kwazi erba' snin, mill-1996 sal-2000. It-Tribunal minghajr ma jiehu decizjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Art 23 (n) tal-Ftehim Kollettiv beda biex jezamina t-twissijiet li nghataw lill-Appellant fl-ahhar sena tal-impieg tieghu. Fuq dan ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni. Hemm hames twissijiet li tlieta minnhom huma anke iffirmati mill-Appellant innifsu. Hemm imbaghad l-ahhar twissija dwar l-incident li ta lok ghall-kaz. Dawn it-twissijiet jinkludu tnejn serji hafna inkluz wahda dwar hsara ikkawzata minhabba li ma mexiex skond istruzzjonijiet kif suppost. L-ohra iktar serja li jinqabad go *night club* waqt li kien bis-*sick leave*.

Dawn fihom infushom kienu tant gravi li fl-imkien ma' l-incident tat-13 ta' Lulju 2000 ammontaw ghal raguni bizzejjed biex l-Appellant jimmerita s-sanzjoni estrema tal-licenzjament. Ghaldaqstant it-Tribunal kien sodisfatt u ma deherlux li jkun utli li jmur lura ghal twissijiet precedenti ghat-30 ta' Lulju 1999.

It-Tribunal ha nota ta' dak li xhed l-Appellant kif ukoll tkellem dwaru fit-trattazzjoni l-Avukat tieghu li l-istat mediku ta' omm l-Appellant setghet kienet il-kawza tad-deterjorament tal-imgieba tieghu bhala impjegat. L-ewwel nett ic-certitikat mediku prezentat igib id-data tal-15 ta' Mejju 2000 meta t-twissijiet imorru lura sa' Lulju 1999. Imbaghad huwa ftit difficli li temmen li l-Appellant ta ghax-xorb ghal din ir-raguni, li mar *night club* meta kien bis-*sick leave*, u li jirrapporta ghax-xoghol tard hames sighat u ftit xurban. Kevin Busuttil, li ga gie citat, semma fix-xhieda tieghu li l-Appellant beda "jisslekkja" xi sena u nofs qabel ma gie licenzjat. Dana kien ferm qabel ma hassa hazin ommu. Fl-opinjoni tat-Tribunal l-argument tal-attenwanti ghall-agir tal-Appellant ma jregix.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi billi jsib li l-Appellant Rennie Gili gie licenzjat ghal raguni tajba u sufficjenti.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**5. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa id-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja